MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 686/2006

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Joseph Borda**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Lulju, 2006 fejn is-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira u disgha u tletin centezmu (Lm283.39) minghand il-konvenut Joseph Borda rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma' client contract number 10167 fuq servizzi rezi ghax-xhur ta' bejn Mejju 2003 u Setembru, 2003.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ivan Gatt ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Joseph Borda jhallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta’ mitejn u tlieta u tmenin lira u disgha u tletin centezmu (Lm283.39) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Gunju, 2006 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------